

Brussell, 22 ta' Diċembru 2014
(OR. en)

17135/14

PUBLIC 182
INF 354

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL TA'
SETTEMBRU 2014

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Settembru 2014.^{1 2}

Dan id-dokument jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti legiſlattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli tal-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, spjegazzjonijiet tal-votazzjoni u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti legiſlattivi adottati bil-proċedura legiſlattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill fejn ikun ġie adottat l-att legiſlattiv u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti legiſlattivi adottati bil-proċedura legiſlattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara li jkunu ġew iffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jippubblika.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill:

<http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/monthly-summaries-of-council-acts?lang=mt>

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: <http://consilium.europa.eu/documents/access-to-council-documents-public-register>.

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit elettroniku tal-Kunsill fuq:

<http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/council-minutes?lang=mt>

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'SETTEMBRU 2014

Proċedura bil-miktub konkluża fit-2 ta' Settembru 2014

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Settembru 2014 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 ĠU C 295, 3.9.2014, p. 1-1	11778/14	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: UK

Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar approprjazzjonijiet ta' pagament

Il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta malajr kemm jista' jkun l-ittra ta' emenda għall-agrikoltura (inkluż informazzjoni dwar ir-riportament possibbli ta' dħul assenjat) sabiex jiġi kkalibrat kif xieraq il-livell ta' riżorsi fl-intestatura 2 (Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali) fil-baġit tal-2015.

Barra minn hekk, il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta abbozz ta' baġit emendatorju jekk l-appropriazzjonijiet ta' pagament imdaħħla fil-baġit tal-2015 jirriżultaw li mhumix biżżejjed biex ikopru l-infiq taħt is-subintestatura 1a (Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi), is-subintestatura 1b, (Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali), l-intestatura 2 u l-intestatura 4 (Ewropa Globali) tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Huwa jhegġegħ lill-Kummissjoni biex tippreżenta malajr kemm jista' jkun iċ-ċifri aġġornati rigward l-istat attwali u l-istimi rigward l-appropriazzjonijiet ta' pagament taħt is-subintestatura 1b u, jekk meħtieġ, biex tippreżenta abbozz ta' baġit emendatorju għal din l-unika fini. Il-Kunsill ser jieħu pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju malajr kemm jista' jkun sabiex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas fl-appropriazzjonijiet ta' pagament.

Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar tnaqqis ta' 5 % tal-persunal

Il-Kunsill ifakkar il-ftehim milħuq bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni li progressivament inaqqsu 5 % tal-persunal kif hemm fit-tabella tal-persunal fl-1 ta' Jannar 2013, li għandha tiġi effettwata bejn l-2013 u l-2017, kif imniżżel fil-punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba.

Il-Kunsill jieħu nota tal-monitoraġġ tal-Kummissjoni tal-progress lejn il-mira tat-tnaqqis ta' 5 % tal-persunal diġà miksub sal-lum minn għadd ta' istituzzjonijiet, korpi u aġenziji. Huwa jistieden lill-istituzzjonijiet u lill-korpi kollha biex ikomplu jimplimentaw il-bqija tat-tnaqqis tal-persunal sa tmiem il-perijodu ta' ħames snin 2013 2017, kif ippreżentat fit-tabella fl-Anness.

Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza tal-monitoraġġ mill-qrib tal-appropriazzjonijiet għall-kategoriji kollha ta' persunal estern, fl-isfond tal-kapaċità addizzjonali li tirriżulta miż-żieda fil-ħin tax-xogħol għal 40 siegħa fil-ġimgħa. F'konformità mal-Artikolu 38(3)(b) tar-Regolament Finanzjarju, huwa jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta ħarsa ġenerali lejn id-data konsolidata dwar il-persunal estern kollu impjegat mill-Unjoni, skont it-tip ta' kuntratt u komparabbli bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi u bejn is-snin.

Dikjarazzjoni konġunta tal-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja

Il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja jappoġġaw il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit tal-Unjoni Ewropea għall-2015 sabiex jintlaħaq kompromess, iżda dawn l-Istati Membri huma konvinti li l-livell miftiehem ta' appropriazzjonijiet ta' pagamenti jista' ma jkunx biżżejjed u dan jista' jwassal għal pressjonijiet kbar fuq it-twettiq fil-ħin tal-obbligi legali tal-Unjoni u l-ilħuq tal-impenji li diġà saru fl-oqfsa finanzjarji pluriennali preċedenti u preżenti.

B'dan il-ħsieb, id-delegazzjonijiet ta' hawn fuq huma tal-fehma li l-baġit għall-2015 ser jkun eżegwibbli u maniġġabbli biss jekk jiddaħħlu appropriazzjonijiet ta' pagament addizzjonali fl-Abbozz ta' Baġit Emendatorju 3/2014, b'mod partikolari għall-politika ta' koeżjoni, fil-baġit ta' din is-sena. Il-mobilizzazzjoni tal-marġini ta' kontinġenza tista' tindirizza l-livell dejjem jikber ta' pretensjonijiet għall-pagamenti mhux imħallsa (fil-politika ta' koeżjoni).

Għalhekk, f'konformità mad-dikjarazzjoni konġunta dwar l-appropriazzjonijiet ta' pagament, dawn id-delegazzjonijiet iħeġġu lill-Kunsill biex jadotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju 3/2014 inkluża l-mobilizzazzjoni tal-marġini ta' kontinġenza skont l-Artikolu 13 tar-Regolament QFP, malajr kemm jista' jkun sabiex jiġu evitati aktar nuqqasijiet fl-appropriazzjonijiet ta' pagament.

Dikjarazzjoni Konġunta tal-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvezja u r-Renju Unit

Fid-dawl tan-negozjati dwar l-abbozz tal-baġit għall-2015, l-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Isvezja, ir-Renju Unit u l-Pajjiżi l-Baxxi jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu strettament rispettati l-livelli massimi maqbula fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-2014-2020.

Il-pajjiżi sottoskritti jfakkru l-importanza ta' ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni Ewropea, skont il-prinċipji baġitarji stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju. Dan jimplika, fost affarijiet oħra, li l-Kummissjoni għandha tamministra l-appropriazzjonijiet fil-limiti tal-baġit ivvotat. Fil-każ ta' ħtiġijiet mhux previsti, il-Kummissjoni għandha teżamina bir-reqqa l-ambitu għal riallokazzjoni, b'referenza partikolari għall-possibbiltà ta' kwalunkwe sottoimplimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet. Għal dan il-għan, il-pajjiżi sottoskritti jfakkru fil-ħtieġa li l-istat tal-implimentazzjoni tal-baġit annwali jiġi mmonitorjat b'mod attiv skont il-punt 36 fl-Anness tal-IIA.

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, il-pajjiżi sottoskritti kienu kkonċernati dwar il-livell ta' appropriazzjonijiet ta' pagament proposti mill-Kummissjoni fl-abbozz ta' baġit tagħha għall-2015, li kien 'il fuq mil-limitu massimu ta' pagamenti. Il-pajjiżi sottoskritti jikkunsidraw li l-livell ta' pagamenti għall-2015 maqbul mill-Kunsill huwa aktar minn biżżejjed biex jissodisfa l-obbligi kollha tal-Unjoni Ewropea.

Għalhekk, l-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Isvezja, ir-Renju Unit u l-Pajjiżi l-Baxxi jenfasizzaw li, għan-negozjati li ġejjin mal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz tal-baġit 2015, għandu jinżamm marġini sostanzjali taħt il-limiti massimi sabiex ikun jista' jiġi ffaċċjat kull infiq mhux previst matul is-sena. Il-marġini għandu b'mod partikolari jkun biżżejjed biex jiffinanzja l-istrumenti speċjali fi ħdan il-limiti tal-limitu massimu ta' pagamenti.

Għal din ir-raġuni, aħna nemmnu li ebda mobilizzazzjoni futura tal-marġini ta' kontinġenza fl-2015 ma għandha tkun meħtieġa. Barra minn hekk, dan il-marġini għandu jiġi mobilizzat għal ċirkostanzi mhux previsti u fl-aħħar istanza.

Aħna nemmnu li l-istrumenti speċjali ma għandhomx jintużaw sabiex jinqabeż il-limitu massimu ta' pagamenti annwali u għalhekk ma għandhomx ikunu "barra mill-baġit".

Il-mobilizzazzjoni tal-istrumenti speċjali 'l fuq mil-limitu massimu ta' pagamenti hija legalment dubjuża peress li r-Regolament QFP kif ukoll il-ħidma preparatorja tal-QFP isemmu biss il-possibbiltà għall-mobilizzazzjoni tal-istrumenti speċjali 'l fuq mil-limiti massimi għall-impenji, iżda mhux 'il fuq mil-limiti massimi għall-pagamenti.

Proċedura bil-miktub konklużi fil-5 ta' Settembru 2014	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
2014/648/UE, Euratom: Deċiżjoni tal-Kunsill, meħuda bi qbil komuni mal-President elett tal-Kummissjoni, tal-5 ta' Settembru 2014 li tadotta l-lista ta' persuni oħra li huwa jipproponi li jinħatru Membri tal-Kummissjoni ĠU L 268, 9.9.2014, p. 5-6	12777/14
Proċedura bil-miktub konklużi fit-8 ta' Settembru 2014	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/659/PESK tat-8 ta' Settembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina ĠU L 271, 12.9.2014, p. 54-57	12817/14
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 960/2014 tat-8 ta' Settembru 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina ĠU L 271, 12.9.2014, p. 3-7	12818/14

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/658/PESK tat-8 ta' Settembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina ĠU L 271, 12.9.2014, p. 47-53	12813/14
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 959/2014 tat-8 ta' Settembru 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina ĠU L 271, 12.9.2014, p. 1-2	12814/14
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 961/2014 tat-8 ta' Settembru 2014 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina ĠU L 271, 12.9.2014, p. 8-13	12815/14
Proċedura bil-miktub konklufa fil-15 ta' Settembru 2014	
ATTI MHUX LEĠISLATTVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
2014/664/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2014 dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ dwar l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-2005 dwar iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda ĠU L 275, 17.9.2014, p. 6-6	11912/14

Proċedura bil-miktub konklużi fis-26 ta' Settembru 2014	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/678/PESK tas-26 ta' Settembru 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ĠU L 283, 27.9.2014, p. 59-60	13191/14
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1013/2014 tas-26 ta' Settembru 2014 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ĠU L 283, 27.9.2014, p. 9-10	13192/14
It-3333 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) li saret fi Brussell fil-25 u s-26 ta' Settembru 2014	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-kompetittività industrijali	13617/14

Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea, għat-tiġdid tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra	12892/14
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni ma tqisx li hu meħtieġ li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati tindika bażi legali sostantiva.	
2014/697/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2014/000 TA 2014 - Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni) ĠU L 292, 8.10.2014, p. 14-15	13042/14
2014/698/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2014/001 EL/Nutriart mill-Greċja) ĠU L 292, 8.10.2014, p. 16-17	13044/14

2014/696/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2012/010 RO/Mechel mir-Rumanija) ĠU L 292, 8.10.2014, p. 12-13	13017/14
2014/688/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2014 li tissottoporti 4-iodjo-2,5-dimetossi-N-(2-metossibenzil)fenetilamina (25I-NBOMe), 3,4-dikloro-N-[[1-(dimetilamino)ċikloessil]metil]benzamida (AH-7921), 3,4-metilenediossiprovaleron (MDPV) u 2-(3-metossifenil)-2-(etilamino)ċikloessanon (metossetamina) għal miżuri ta' kontroll ĠU L 287, 1.10.2014, p. 22-26	12272/14
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1012/2014 tal-25 ta' Settembru 2014 li jaddatta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1340/2008 dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti tal-azzar bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kazakistan minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea ĠU L 283, 27.9.2014, p. 2-8	11999/14
2014/675/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE ĠU L 283, 27.9.2014, p. 47-55	10987/14

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/673/PESK tal-25 ta' Settembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2013/527/PESK li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika ĠU L 282, 26.9.2014, p. 22-23	11086/14
Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/674/PESK tal-25 ta' Settembru 2014 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/565/PESK dwar il-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo) ĠU L 282, 26.9.2014, p. 24-26	12625/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Governanza tal-Internet	15748/14

It-3334 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea(AFFARIJIET ĠENERALI) li saret fi Brussell fid-29 ta' Settembru 2014

ATTI LEĠISLATIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTAZZJONIJIET
Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1-27	62/14	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Kontra: NL, UK Astensjoni: BE
Dikjarazzjoni mill-Pajjiżi l-Baxxi Il-Pajjiżi l-Baxxi jikkunsidraw il-proposta attwali bħala titjib sinifikanti meta mqabbla mal-proposta oriġinali ta' Settembru 2012. Minkejja dan, il-Pajjiżi l-Baxxi għandhom oġġezzjonijiet fundamentali qawwiya kontra l-valutazzjoni tal-valuri tal-UE fil-proċess ta' reġistrazzjoni u verifika tal-partiti politiċi Ewropej. Il-Pajjiżi l-Baxxi jagħtu valur kbir lill-pożizzjoni indipendenti tal-partiti politiċi. Il-Pajjiżi l-Baxxi huma tal-opinjoni li l-ewwel nett huwa f'idejn il-votanti u t-tieni nett f'idejn il-ġudikatura li jivvalutaw il-programm u l-attivitajiet tal-partiti politiċi. Tali valutazzjoni m'għandhiex tkun parti mill-proċess ta' reġistrazzjoni u ta' verifika. Għaldaqstant, il-Pajjiżi l-Baxxi ser jivvotaw kontra l-proposti kkonċernati.			
Dikjarazzjoni mill-Belġju Filwaqt li l-Belġju huwa favur l-iżvilupp ta' spazju politiku Ewropew u t-tisħiħ tal-partiti politiċi Ewropej, il-Belġju ma jistax jappoġġa l-abbozz ta' Regolament ippreżentat għall-adozzjoni lill-Kunsill mill-Presidenza. Il-Belġju jiddeplora l-inċertezza li għadha preżenti, taħt l-Artikoli 17 u 18, rigward ir-riperkussjonijiet li jista' jkollhom il-kampanji tal-partiti politiċi Ewropej fil-kuntest tal-elezzjonijiet Ewropej fuq l-applikazzjoni ta' leġislazzjoni nazzjonali dwar l-ispejjeż elettorali. Nixtiequ niġbdu l-attenzjoni li skont il-kondizzjonijiet tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew permezz ta' vot universali dirett, id-dispożizzjonijiet nazzjonali jkomplu jirregolaw il-proċedura elettorali f'kull Stat Membru. Barra minn hekk, il-Belġju ma jistax jaqbel dwar iż-żieda fil-limitu massimu għad-donazzjonijiet sa EUR 18 000.			

Dikjarazzjoni mill-Italja, il-Portugall u s-Slovakkja

Filwaqt li l-Italja, il-Portugall u s-Slovakkja jirrikonoxxu l-importanza tal-adozzjoni tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-Partiti Poliċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Poliċi Ewropej fil-leġislatura attwali, dawn it-tliet delegazzjonijiet jixtiequ jesprimu t-tħassib tagħhom dwar il-kompożizzjoni tal-"Awtorità" prevista fl-Artikolu 6 li attwalment tinsab f'idejn persuna waħda.

L-Italja, il-Portugall u s-Slovakkja jemmnu li tali kompożizzjoni mhix konsistenti mad-deċizzjonijiet ferm sensittivi li l-Awtorità ser tkun fdata bihom, li jinkludu: a) reġistrazzjoni/it-tneħħija mir-reġistru ta' partiti poliċi Ewropej u Fondazzjonijiet Poliċi Ewropej kif previst mill-Artikoli 6, 7, 9, 10, 27(1); b) l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet finanzjarji fuq il-partiti poliċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Poliċi Ewropej fil-każijiet previsti mill-Artikolu 27 (2). L-Italja, il-Portugall u s-Slovakkja josservaw li tali soluzzjoni tirrappreżenta bidla kbira fir-rigward tad-dixxiplina attwali tar-Regolament 2004/2003 fejn tali responsabbiltajiet, li għadhom 'l bogħod milli jiġu kkonferiti fuq persuna waħda, huma fdati lill-Parlament Ewropew.

B'mod partikolari, l-Italja, il-Portugall u s-Slovakkja jixtiequ jesprimu t-tħassib profond tagħhom rigward in-nuqqas ta' kontrolli u bilanċ adegwati għall-ipoteżi li - b'mod kuntrarju għall-opinjoni tal-Kumitat ta' persuni eminenti indipendenti previst fl-Artikolu 11 - l-"Awtorità" tiddeċiedi li ma tneħħix mir-reġistru PPE/FPE li jkun instab li qed jikser il-valuri li fuqhom hija mibnija l-Unjoni Ewropea kif imsemmi fl-Artikoli 3(1)(c) u 3(2)(c)."

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Filwaqt li dan ir-Regolament iġib ċertu titjib miegħu f'termini tal-kapaċità għall-Partiti Poliċi Ewropej li jiġu ffinanzjati minn kontribuzzjonijiet volontarji aktar milli mill-fondi pubbliċi, u jintroduċi xi salvagwardji għall-pluralità politika, dan għadu mhux biżżejjed. L-introduzzjoni ta' "Personalità ġuridika Ewropea" totalment żejda għall-Partiti Poliċi Ewropej mhi ser tagħmel xejn biex tindirizza d-defiċit demokratiku tal-UE. It-tisħiħ tar-rwol tal-parlamenti nazzjonali f'kuntest Ewropew ser jibqa' l-aktar mod effettiv kif tiġi indirizzata din il-kwistjoni.

Dikjarazzjoni minn Franza

Franza tilqa' l-qbil li ntlaħaq dwar ir-Regolament dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. Franza tfakkar fl-importanza li hija tagħti lill-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 21 tar-Regolament fejn ir-regoli dwar l-iffinanzjar u l-limitazzjoni tal-ispejjeż tal-elezzjoni għal partiti politiċi nazzjonali u kandidati jkomplu jiġu rregolati mil-liġi nazzjonali applikabbli. Hija tixtieq tissottolinja, b'mod partikolari, li r-regoli applikabbli tal-liġi nazzjonali tiegħu jipprojbixxu l-finanzjament tal-partiti politiċi u l-kandidati minn persuni ġuridiċi. Franza tixtieq ukoll tara l-applikazzjoni stretta tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 li jistipulaw li l-partiti politiċi Ewropej ma jistgħux jipprovdu finanzjament dirett jew indirett għal partiti politiċi jew kandidati nazzjonali. Fl-aħħar nett, Franza tixtieq tenfasizza li d-dritt ta' oġġezzjoni, mogħti lill-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-proċedura għar-reġistrazzjoni u l-kontroll ta' partiti politiċi Ewropej, huwa mmirat li jintlaħqu r-rekwiżiti speċifiċi ta' dan ir-Regolament. Għalhekk m'għandux jiġi kkunsidrat bħala li jagħti lill-Parlament Ewropew setgħat ta' implimentazzjoni fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 291 TFUE.

Regolament (UE) Nru 1142/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-22 ta' Ottubru 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 966/2012 fir-rigward tal-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej
ĠU L 317, 4.11.2014, p. 28-34

68/14

Maġġoranza
kwalifikata

L-Istati Membri kollha
favur, minbarra:
Kontra: NL, UK

Dikjarazzjoni mill-Pajjiżi l-Baxxi

Il-Pajjiżi l-Baxxi jikkunsidraw il-proposta attwali bħala titjib sinifikanti meta mqabbla mal-proposta oriġinali ta' Settembru 2012.

Minkejja dan, il-Pajjiżi l-Baxxi għandhom oġġezzjonijiet fundamentali qawwija kontra l-valutazzjoni tal-valuri tal-UE fil-proċess ta' reġistrazzjoni u verifika tal-partiti politiċi Ewropej. Il-Pajjiżi l-Baxxi jagħtu valur kbir lill-pożizzjoni indipendenti tal-partiti politiċi. Il-Pajjiżi l-Baxxi huma tal-opinjoni li l-ewwel nett huwa f'idejn il-votanti u t-tieni nett f'idejn il-ġudikatura li jivvalutaw il-programm u l-attivitajiet tal-partiti politiċi. Tali valutazzjoni m'għandhiex tkun parti mill-proċess ta' reġistrazzjoni u ta' verifika.

Għaldaqstant, il-Pajjiżi l-Baxxi ser jivvotaw kontra l-proposti kkonċernati.

Direttiva 2014/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċerti impriżi u gruppi kbar ĠU L 330, 15.11.2014, p. 1-9	47/14	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Kontra: ET
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea Il-Kummissjoni tinnota li l-koleġislaturi inkludew fit-test ta' kompromess finali dispożizzjoni li skontha l-Kummissjoni tkun mitluba toħroġ linji gwida wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati, fi żmien 24 xahar mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva. Filwaqt li tagħraf l-użu ta' tali gwida, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-adozzjoni ta' linji gwida li ma jorbtux mill-Kummissjoni m'għandhiex tkun soġġetta għal obbligi proċedurali stipulati fl-att leġislattiv peress li l-Kummissjoni għandha d-dritt awtonomu tagħha stess skont it-Trattat li toħroġ gwida bħal din. B'hekk, il-Kummissjoni tqis li l-obbligu li jiġu kkonsultati l-partijiet interessati stipulat fl-Artikolu 2 ma jistax jaffettwa dan id-dritt. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tinnota li din il-formulazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni li l-Kummissjoni tista' tieħu dwar kwistjonijiet simili fil-futur.			

Dikjarazzjoni konġunta mill-Belġju, id-Danimarka, Franza u s-Slovenja

Id-delegazzjoni tal-Belġju, id-Danimarka, Franza u dik tas-Slovenja jilqgħu l-kompromess li nstab mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew fit-trilogu dwar id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju, u niringrazzjaw il-Presidenza Litwana u dik Griega għall-isforzi tagħhom fil-kisba ta' dan. Il-kompromess iwitti t-triq għall-adozzjoni finali tat-test li ser jirrappreżenta l-ewwel pass importanti lejn aktar trasparenza minn kumpanniji Ewropej fuq informazzjoni mhux finanzjarja fit-transizzjoni għal ekonomika globali sostenibbli.

Kuntrarju għall-proposta inizjali tal-Kummissjoni, it-test ma jinkludix fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu kumpanniji kbarmhux elenkati għalkemm l-attivitajiet tagħhom jista' jkollhom impatt sostanzjali fil-qasam soċjali u ambjentali jew fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. Kamp ta' applikazzjoni li jinkludi kumpanniji kbar elenkati u mhux elenkati huwa essenzjali wkoll biex jiżgura kundizzjonijiet ugwali bejn il-kumpanniji u biex jiġi evitat il-ħolqien ta' inċentivi ħżiena f'dak li hu l-aċċess għas-swieq finanzjarji filwaqt li jgħin biex jipromwovi l-aħjar Prattika.

Barra minn hekk, it-test ma jipprevedix rekwiżit li jimponi rappurtar għal kull pajjiż għal kumpanniji u gruppi Ewropej kbar, minkejja l-mandat politiku ċar li ta l-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Mejju 2013.

Jiddispijja li ma kienx possibbli li jinkiseb dan fin-negozjati attwali, iżda nilqgħu l-possibilità li dawn il-kwistjonijiet jiġi indirizzati meta d-direttiva ser terġa' tiġi eżaminata. Aħna nikkunsidraw li l-kompromess għandu jittqies bħala l-ewwel pass lejn test kompletament miksub li jżid it-trasparenza u jiżgura rappurtar effiċjenti għall-kumpanniji Ewropej kbar kollha, li hu essenzjali biex tiġi żgurata l-fiduċja taċ-ċittadini tal-UE f'kumpanniji Ewropej kif ukoll biex nikkontribwixxu għat-tkabbir sostenibbli u UE kompetittiva. Il-Belġju, id-Danimarka, Franza u s-Slovenja ser ikomplu jappoġġaw dan l-għan fil-futur.

Dikjarazzjoni mill-Pajjiżi l-Baxxi

Il-Pajjiżi l-Baxxi jivvotaw favur l-adozzjoni tad-Direttiva għax din toħloq kundizzjonijiet ugwali mixtieqa fl-iżvelar ta' informazzjoni mhux finanzjarja minn impriżi kbar li huma entitajiet ta' interess pubbliku.

Il-Pajjiżi l-Baxxi madankollu huma tal-fehma li l-parti tad-Direttiva li titlob li impriżi elenkati kbar jiżvelaw il-politika ta' diversità tagħhom għall-korpi amministrattivi, superviżorji u ta' ġestjoni tagħhom jew li jfissru għalfejn ma ġiet applikata l-ebda politika bħal din, mhijiex f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif jinsab fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Il-Pajjiżi l-Baxxi huma tal-fehma li għandu jkun f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jieħdu miżuri, u, jekk iva, kif iridu jieħdu miżuri biex jagħmlu l-bord tal-impriżi aktar divers.

Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid tal-ispeċijiet aljeni invażivi ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35-55	70/14	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Kontra: HU Astensjoni: BG, DE, RO
Dikjarazzjoni mill-Ungerija Il-lista ta' speċijiet ta' tħassib tal-Unjoni tiddetermina wkoll l-obbligi fundamentali marbuta mal-ġestjoni tagħhom, u b'hekk huwa kruċjali li l-lista tkun trasparenti u prevedibbli, u stabbilita permezz ta' proċedura li tikkonforma bis-sħiħ mar-rekwiżiti kollha stipulati fir-Regolament. F'konformità mal-Artikolu 4 (6) u l-premessa relatata 12, l-Ungerija tenfasizza li trid tingħata konsiderazzjoni debita lill-aspetti soċjali u ekonomiċi, u lill-ispejjeż rigward l-implimentazzjoni għall-Istati Membri. F'dan ir-rigward għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-ispeċijiet - bħal akaċja falza (Robinia pseudoacacia) - li jintużaw ħafna u jipprovdu benefiċċji soċjoekonomiċi sinifikanti għal Stat Membru. Abbażi ta' dan, il-pożizzjoni tal-Ungerija rigward l-akaċja falza hi li din l-ispeċje m'għandhiex tkun inkluża fil-lista tal-Unjoni u l-ġestjoni tagħha għandha tinżamm taħt l-ambitu tal-leġislazzjoni nazzjonali.			
Dikjarazzjoni mir-Rumanija Ir-Rumanija hi tal-fehma li t-test finali tar-regolament <i>dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi</i> mhuwiex konformi għal kollox mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, partikolarment fir-rigward tal-ispeċijiet aljeni invażivi ta' tħassib reġjonali. Ir-Rumanija tappoġġa r-rwol tal-Kummissjoni Ewropea bħala faċilitatur għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni. Madankollu, hi tqis li l-adozzjoni ta' att implimentattiv f'dan il-kuntest hija konfliġġenti mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u n-natura volontarja tal-kooperazzjoni fost l-Istati Membri. Barra minn hekk, ir-Rumanija tqis li huwa sproporzjonat li wieħed jieħu miżuri biex jevita t-tixrid ta' speċijiet aljeni, b'mod partikolari meta dawn l-ispeċijiet ma jkunux problematiċi għall-pajjiż ta' oriġini, peress li jkunu integrati b'mod naturali u kkontrollati fi ħdan l-ekosistemi. Għalhekk, ir-Rumanija ma tistax tappoġġa t-test finali tar-regolament u tastjeni mill-adozzjoni tiegħu.			

Dikjarazzjoni mid-Danimarka u l-Finlandja

Id-Danimarka u l-Finlandja jilqgħu r-regolament dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi.

Fir-rigward tal-lista tal-ispeċijiet aljeni invażivi li huma ta' tħassib għall-Unjoni, li għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 4, id-Danimarka u l-Finlandja jinnotaw li l-impatti soċjoekonomiċi ser ikunu parti integrali tal-analiżi u l-proċedura li abbażi tagħhom jiġu elenkati l-ispeċijiet u li skont l-Artikolu 4(6) u l-premessa 12 relatata għandha tingħata konsiderazzjoni debita lill-ispejjeż ta' implimentazzjoni għall-Istati Membri u li f'dan ir-rigward għandha tingħata attenzjoni speċjali lil speċijiet - bħall-Mink Amerikan - li jintużaw ħafna u jipprovdi benefiċċji soċjoekonomiċi sinifikanti fi Stat Membru.

F'dan il-kuntest u fid-dawl ta' assigurazzjonijiet mogħtija matul in-negozjati tar-regolament, id-Danimarka u l-Finlandja jinsabu fiduċjużi li l-Mink Amerikan mhux ser jiġi inkluż fil-lista.

Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi
ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1-20

79/14

Maġġoranza
kwalifikata

L-Istati Membri kollha
favur

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni rigward l-iskadenzi għall-iskjerament tal-LNG

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha ħafna li l-leġislatur ma setax jaqbel dwar id-data tal-31 ta' Diċembru 2020 għall-introduzzjoni tal-infrastruttura tal-LNG fil-portijiet marittimi. Din id-data hija kritika għall-industrija sabiex tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mid-Direttiva 2012/33/UE fir-rigward tal-kontenut ta' kubrit fil-fjuwils għal użu marittimu f'Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-SOx mill-1 ta' Jannar 2015 u barra ż-Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-SOx mill-1 ta' Jannar 2020. Fir-rigward tal-portijiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li bħalissa diġà teżisti teknoloġija li permezz tagħha l-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni jistgħu jkunu armati b'magni li jieħdu l-fjuwil tal-LNG bi prezz raġonevoli. Din it-teknoloġija għandha rwol importanti biex is-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni jsir aktar sensibilizzat għall-ambjent u anqas dipendenti fuq iż-żejt. Għalhekk il-Kummissjoni talbet li jsir l-iskjerament tal-infrastruttura tal-LNG fil-portijiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni rigward l-informazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-preparazzjoni u l-implimentazzjoni ta' atti delegati

Fir-rigward tal-possibbiltà li l-Parlament Ewropew jiġi mistieden għal-laqgħat, il-Kummissjoni ser timplimenta din il-premessa (61) skont il-prassi tagħha fl-implimentazzjoni tal-punt 15 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-klawżola “l-ebda opinjoni”

Il-Kummissjoni tissottolinja li huwa kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament 182/2011 li l-punt b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5 § 4 jiġi invokat b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jittieħed f'każ ta' hteġa speċifika li wieħed ma jimxix mar-regola ta' prinċipju li hija li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Minħabba li din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita mill-Artikolu 5(4) ir-rikors għall-punt b) tat-tieni subparagrafu ma jistax jidher sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-leġislator, iżda għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv u għaldaqstant għandu jiġi ġġustifikat.

Filwaqt li l-Kummissjoni osservat il-qbil li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar ir-rikors għal din id-dispożizzjoni, jiddispjaċiha li din il-ġustifikazzjoni mhix riflessa fi premissa.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
2014/692/UE, Euratom: Deċizzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2014 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ĠU L 289, 3.10.2014, p. 18-20	12173/14
2014/695/UE: Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2014 li tawtorizza lill-Italja tapplika, f'żoni ġeografiċi determinati, rati mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq il-gaġolju u l-LPG użat għal raġunijiet ta' tisħin skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE ĠU L 291, 7.10.2014, p. 16-18	12313/14

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehimiet bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada, Hong Kong, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea, il-Messiku, l-Arabja Sawdija, Singapor, l-Afrika t'Isfel u l-Istati Uniti dwar l-aċċess reċiproku u l-iskambju tal-informazzjoni dwar kuntratti derivattivi miżmuma f'repożitorji tat-tranżazzjonijiet	12835/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Objettivi u l-Prijoritajiet Ewlenin tal-Unjoni Ewropea għat-Tieni Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Pajjiżi li qed Jiżviluppaw Imdawrin bl-Art (Vjenna, l-Awstrija, 3-5 ta' Novembru 2014)	13709/14
2014/691/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/668/UE dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Ukraina min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-Titolu III (bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mat-trattament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment impjegati bħala ħaddiema fit-territorju tal-Parti l-oħra) u t-Titoli IV, V, VI u VII tagħha, kif ukoll l-Annessi u l-Protokolli relatati ĠU L 289, 3.10.2014, p. 1-2	13536/14

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI

Il-Kunsill u l-Kummissjoni

1. Jilqgħu r-ratifika tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ukraina, li jikkostitwixxi strument uniku, mill-Parlament Ukrain u l-kunsens mogħti mill-Parlament Ewropew fis-16 ta' Settembru 2014, u jistennew b'interess it-tlestija rapida tar-ratifika mill-Istati Membri kollha.
2. Jirreferu għad-Dikjarazzjoni Ministerjali Konġunta tat-12 ta' Settembru dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni/DCFTA UE-Ukraina, u jissottolinjaw l-importanza li l-partijiet kollha jirrispettaw b'mod strett l-impenji tagħhom fih. Din id-dikjarazzjoni hija parti integrali minn proċess ta' paċi komprensiv fl-Ukraina, li jirrispetta l-integrità territorjali tal-Ukraina u d-dritt tal-Ukraina li tiddeċiedi dwar id-destin tagħha.
3. Ifakkru li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni huwa ftehim bilaterali u kwalunkwe adattament jista' jsir biss fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet u bil-kunsens tal-parti l-oħra, skont il-mekkaniżmi previsti fit-test u f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-proċeduri interni rispettivi tal-partijiet.
4. Jinkoraġġixxu lill-Ukraina, wara l-bidu tal-applikazzjoni proviżorja tad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Titoli I-III u V-VII, biex tkompli l-proċess ta' riformi u modernizzazzjoni ekonomika previsti, f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħha u bl-appoġġ u l-monitoraġġ tal-UE.
5. Itennu mill-ġdid l-importanza ta' tħejjija adegwata għall-implimentazzjoni tat-Titolu IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, f'konformità mal-iskeda ta' żmien speċifikata fid-Deċizzjoni tal-Kunsill, u b'kont meħud tal-impenji internazzjonali tal-Ukraina.

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/685/PESK tad-29 ta' Settembru 2014 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO ĠU L 284, 30.9.2014, p. 51-52	12374/14
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Amministrattiv tal-Konvenzjoni TIR, fir-rigward tal-proposta biex tiġi emendata l-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' oġġetti koperti mill-carnets TIR (il-Konvenzjoni TIR tal-1975) (Il-Konvenzjoni TIR tal-1975)	13015/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Strateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku	13503/14